# It-Tlettax-il Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Dan hu raġel qaddis ta' Alla.*

2 Slat 4, 8-11.14-16a

**Qari mit-Tieni Ktieb tas-Slaten**

8 Ġurnata waħda Eliżew kien għaddej minn Sunem. Hawn kienet
toqgħod mara għanja, u din ġagħlitu joqgħod jiekol għandha; u
kull meta kien jgħaddi minn hemm kien idur għal għandha biex
jiekol hemm. 9 U hi qalet lil żewġha: «Ara, jien żgura li dan ir-raġel,
li jgħaddi għandna sikwit, hu raġel qaddis ta' Alla. 10 Ħa ntellgħulu
għorfa fuq is-setaħ, u nqegħdulu fiha sodda, mejda, siġġu u mnara, u
meta jgħaddi għandna, ikun jista' jidħol fiha.»

11 U ġurnata waħda wasal hemm, u daħal fl-għorfa, u raqad hemm.
14 U Eliżew qal lil Ġeħażi, il-qaddej tiegħu: «X'nistgħu nagħmlulha
lil din il-mara?» U Ġeħażi wieġbu: «Jaħasra, ma għandhiex tfal, u
żewġha xiħ!» 15 U wieġbu: «Sejħilha.» U dak sejħilha u ġiet fil-bieb.
16 U Eliżew qalilha: «Bħal dan iż-żmien sena, int tkun tħaddan iben.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 88 (89), 2-3.16-17.18-19

R/. (2a): It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni

2 It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni;
f'kull żmien ixandar fommi l-fedeltà tiegħek.
3 Għax jien għedt: «Tjubitek tibqa' sħiħa għal dejjem;
bħas-smewwiet int wettaqt il-fedeltà tiegħek.» R/.

16 Hieni l-poplu li jaf jgħajjat bil-ferħ,
li jimxi, Mulej, fid-dawl ta' wiċċek.
17 B'ismek jithennew il-jum kollu,
u bil-ġustizzja tiegħek jifirħu. R/.

18 Għax inti l-foħrija tal-qawwa tagħhom;
għal tjubitek nerfgħu rasna fl-għoli.
19 Għax il-Mulej it-tarka tagħna,
il-Qaddis ta' Iżrael is-sultan tagħna. R/.

# Qari II

*Indfinna miegħu permezz tal-magħmudija, biex ngħixu ħajja ġdida.*

Rum 6, 3-4.8-11

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani**

Ħuti, [3]ma tafux li aħna lkoll li tgħammidna fi Kristu Ġesù,
tgħammidna fil-mewt tiegħu? [4]Indfinna miegħu fil-mewt permezz
tal-magħmudija sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz
tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida.

[8]Jekk aħna mitna ma' Kristu, nemmnu wkoll li għad ngħixu ma'
Kristu. [9]Nafu li Kristu qam mill-imwiet u ma jmutx aktar; il-mewt
ma għadhiex taħkem fuqu. [10]Hu li miet, miet darba għal dejjem
għad-dnub; u issa li qiegħed jgħix, qiegħed jgħix għal Alla. [11]Hekk
ukoll intom għandkom tqisu lilkom infuskom mejtin għad-dnub,
iżda ħajjin għal Alla fi Kristu Ġesù.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

1 Piet 2, 9

Hallelujah. R/. Hallelujah
Intom ġens maħtur, saċerdozju rjali, nazzjon qaddis,
biex ixxandru t-tifħir ta' dak li sejħilkom mid-dlam
għad-dawl tiegħu ta' l-għaġeb.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Min ma jerfax salibu, ma jistħoqqlux li jkun miegħi; min jilqa' lilkom ikun jilqa' lili.*

Mt 10, 37-42

## ✠ Qari mill-Evanġelju skond San Mattew

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lill-appostli tiegħu: 37«Min iħobb lil missieru
jew lil ommu iżjed minni ma jistħoqqlux li jkun miegħi; min iħobb
lil ibnu jew lil bintu iżjed minni ma jistħoqqlux li jkun tiegħi. 38U min
ma jerfax salibu u jimxi warajja ma jistħoqqlux li jkun miegħi.

39Min isib lil ħajtu, jitlifha; u min jitlef lil ħajtu minħabba fija jsibha.

40Min jilqa' lilkom jilqa' lili, u min jilqa' lili jkun jilqa' lil dak li bagħatni.

41Min jilqa' profeta għax hu profeta, ħlas ta' profeta jieħu; u min jilqa' bniedem ġust għax hu ġust, ħlas ta' wieħed ġust jieħu.

42U kull min jagħti mqar tazza ilma frisk lil xi ħadd minn dawn l-iżgħar għax hu dixxiplu, tassew ngħidilkom li ma jitlifx il-ħlas tiegħu.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Tifħir lilek Kristu